MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Numru. 153/2013

**Artikoli 325(b) u 338(dd) tal-Kapitolu 9,**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Maġistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Rosanna Debattista)**

**vs**

**RICHARD BORG**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **RICHARD BORG** ta' 63 sena iben Joseph u Helen nee Grech imwieled San Giljan nhar il-15 ta' Ottubru 1949 u residenti Belvedere Court, Flt 6, Triq il-Qaliet, San Giljan u detentur tal-Karta ta' l-Identita' numru 789549M gie imressaq quddiemha u akkuzat talli:-

1. F il-21 ta' Dicembru 2012, fl-inhawi ta' San Giljan volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, l-ammont tal-hsara ma jkunx jiskorri elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), imma jkun izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) ghad-dannu ta' Alena Slavskaya ID 46106A.
2. A kkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat jew glied.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat, dikjarazzjoni tar-rinunzja ghad-dritt tal-parir legali mal-avukat, stqarrija ta' l-imputat datata 8 ta Jannar 2013 markata bhala Dok RD3 esebita a fol. 7 ta' l-atti, il-fedina penali ta' l-imputat markata bhala Dok RD4 esebita a fol. 10 ta' l-atti, u l-kunsens tal-Avukat Generali datat 1 ta' Frar 2013 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

**Alena Slavskaya** xehdet bl-Ingliz fl-14 ta' Mejju, 2013 u l-Qorti diversament preseduta kienet innominat lil Robert Bugeja sabiex jaghmel traduzzjoi tax-xhieda taghha mill-Lingwa Ingliza ghal lingwa Maltija , liema xhieda giet tradotta bil-Malti  u esebita fl-atti nhar l-10 ta Lulju 2013 (fol. 29) .

Ix-xhud  spjegat li fil-21 ta' Dicembru 2012 marret l-HSBC Bank ta' San Giljan ghax kellha bzonn thalli envelopp. Pero' ma sabitx fejn tipparkja u ghamlet l-izball li pparkjat ma' genb garaxx u halliet il-*hazard lights* tal-karozza mixghulin. Hija spjegat li wara xi hames minuti hija marret lura ghall-karozza u sabet ragel u mara li bdew jghajtu. Hija stqarret illi mill-ewwel skuzat ruhha li pparkjat hemm, izda r-ragel li huwa l-imputat li gharfet prezenti  fl-awla bhala l-imputat  Richard Borg, kellu atteggjament aggressiv maghha u beda jidghi maghha.

Hija wegbitu biex ma joqghodx jidghi maghha u huwa mbuttaha u beda jghajjat u jwerzaq. Hija stqarret illi qatt ma rat ragel mitluf hekk u ma tafx

jekk hux mignun. L-imputat beda jdur mal-karozza taghha u beda jaghti fuqha u beda jimbotta u jwerzaq u l-mara ta’ mieghu bdiet taghmel l-istess u bdew jghidulha biex iccaqlaq il-karozza u affarijiet hekk. Ix-xhud hawnhekk ipprovat tiehu n-numru tal-karozza ta’ l-imputat ghax rat li l-karozza taghha kellha l-hsara u riedet tirrapporta lill-Pulizija. Pero’ stqarret illi jdejha bdew jirtoghdu u ma setghet tikteb xejn. Dak il-hin cempel l-imghallem taghha fuq il-mobile u allura wegbitu u qaltlu n-numru tal-karozza u kitbu hu. Ix-xhud ghamlet stima tal-hsarat li ghandha fil-karozza taghha kagun ta’ dan l-incident u din l-istima esebita fol. 19 ta’ l-atti u markata bhala bhala Dok. SA1. Hija stqarret illi marret ghand it-tabib ghax ma setghatx tieqaf titriehed u kellha tiehu l-kalmanti. Hija ghandha certifikat mediku pero’ ma gabitux maghha sabiex tesebih fis-seduta.

Ix-xhud kompliet tixhed in kontro ezami fejn ikkonfermat illi marret lura lejn il-karozza ghal habta tan-nofsiegha ghalkemm ma harsitx lejn il-hin. Mistoqsija x’hin marret taghmel ir-rapport ghand il-Pulizija wiegbet li kienu xi l-erbgha. Hija ma marritx tirrapporta qabel ghax kellha tmur l-ufficcju biex tikkalma u l-boss taghha offrielha biex imur maghha ghand il-Pulizija u jaghmel rapport. Ix-xhud tenniet li cemplet lill-gharus u fl-erbgha u nofs ta’ wara nofsinhar gie maghha u marru jaghmlu r-rapport l-ghassa. Hija nfurmathom li l-karozza kellha l-hsarat u li sofriet minn qatgha. Mistoqsija jekk l-imputat staqsihiex “*ghadek gejja mill-Bank?*” u wara qallha “*ghadni kif gejt mill-Bank biex niccekja jekk hemmx xi hadd li ghandu l-karozza pparkjata quddiem il-garage, u ma ghedt xejn?”* wiegbet li huwa qatt ma qalilha dan il-kliem.

Mistoqsija ghaliex m'ghamlitx rapport kontra l-mara li kienet mal-imputat wiegbet li hija hasbet li kienet martu u li filfatt kienet ghamlet rapport kontra taghhom it-tnejn u nfatti semmiethom it-tnejn li bdew jaghjtu maghha. Mistoqsija jekk kienx hemm aktar nies fit-triq gewwa Triq il-Qaliet, San Giljan wiegbet li kien hemm karozza wara pero' ma tafx min kienu ghax qatt ma hargu mill-karozza u huma kemm waqfu ghax kienu qeghdin jostakolaw it-triq u qabdu u telqu. Hija spjegat illi mill-ewwel indunat li kien hemm il-hsara fil-karozza u filfatt ghadha ma gietx irrangata din il-karozza. Ix-xhud ipprezentat sett ritratti li gew immarkati bhala minn Dok. AA1 sa Dok. AA8.

**Josette Borg Cardona** xehdet fl-10 ta' Lulju 2013 fejn iddikjarat li dakinhar tal-incident hija waslet ftit wara Richard l-imputat f'Pick Up ma' haddiema li riedu jzarmawlha l-garaxx u sabet karozza ohra u kien hemm kulhadd ipaqpaq. Hija hasbet illi kien hemm xi hadd qed jimblokka l-garaxx. Hija rat lill-imputat li wara ftit hareg mill-karozza u mar lejn il-Pick Up sabiex isaqsi fil-hwienet jekk hix ta' xi hadd minnhom fil-karozza. Ix-xhud staqsiet lill-imputat jekk kienx hemm karozza s-soltu u hu wegibha iva. Sussegwentament ix-xhud harget biex il-karozza l-Pick Up tkun tista' tipparkja u kien hemm bicca riservata ghal-Lukanda u hemm marret fejn il-karozza ha tistenna biex jekk tigi hi tghid lill-imputat li wasal sid il-karozza.

Ix-xhud spjegat li l-imputat ressaq il-karozza tieghu mal-genb biex il-karozzi jkunu jistghu jghaddu u wara ftit raw gejja lil wahda minn hdejn il-Bank. Ix-xhud staqsietha jekk il-karozza hix taghha u wegbitha iva u qaltilha "*don't*

*you know you can’t park over here?*” Hija ddikjarat li fuq il-post hemm it-tabelli u bdiet tirrabja ghax il-haddiema taghha riedu jitilqu x’imkien iehor. Ix-xhud spjegat li f’daqqa wahda hija qabdet il-mobile u bdiet iccempel lil xi hadd u ghamlet xi hames minuti ohra ghaddejja fuq il-mobile u mbaghad telqet. Hija sostniet li qatt ma rat lill-imputat jaghmel xi haga lill-karozza taghha. Ix-xhud cahdet li rat lill-imputat jimbotta lit-tfajla jew li miss il-karozza taghha.

Ix-xhud kompliet tixhed in kontro ezami fejn ikkonfermat li hija kienet prezenti fil-hin kollu meta l-persuna li kellha l-karozza pparkjata quddiem il-garaxx telqet mill-post. Mistoqsija jekk kienx hemm xi ghajjat jew glied fit-triq wiegbet illi ma kienx hemm glied izda bdew jirrabjaw maghha ghax anki hija  kienet irrabjata ghax kellha l-haddiema. Hija spjegat li l-imputat irrabja bhal ma rrabjat hi u ma kienx hemm glied jew argumenti u damu xi kwarta.

Mistoqsija in ri-ezami jekk kinitx taf lil min bdiet iccempel wiegbet li ma tafx. Qalet li taf pero’ li din il-mara  bdiet tghid in-numru tal-karozza ta’ l-imputat lil persuna l-ohra li kien fuq it telefon maghha  imma ma tatx kasha u njoratha kompletament.

**L-imputat Richard Borg** xehed fit-13 ta’ Novembru, 2013 fejn iddikjara li dakinhar tal-21 ta’ Dicembru 2012 huwa mar jigbor in-neputi tieghu mill-iskola ta’ San Gwann. Huma joqghodu Triq il-Qaliet, San Giljan u x’hin irritorna ma setghax jidhol fid-*drive in* ta’ fejn ir-residenza tieghu ghax sab karozza pparkjata quddiemha bil-*hazard lights* iteptpu. It-triq kull ma fiha

hija sittin metru u qeghda *one way* u ghalhekk huwa kellu joqghod bilfors f'nofs it-triq u xeghel l-indicator li ried idur. Huwa beda jdoqq il-horn ghax min ipparkja ma setghax jaghmel dan ghax hemm it-tabelli u qieghed jingombra. Wara li daqq il-horn ripettittivament u ra li ma gie hadd huwa hareg mill-karozza u mar biex jara jsibx ta' min hi l-karozza. Huwa spjega li f'din it-triq hemm supermarket zghir mgharuf bl-isem Basic Food Store, hemm Arrigo ta' John li jikri l-karozzi, hemm l-HSBC u zewg lukandi, il-Hotel Alfonso u l-Hotel Argento. Hekk kif nizel l-isfel biex jibda jdur id-dawra, fit-tieni karozza ta' warajh kien hemm Mrs. Josette Borg Cardona go *pickup* b'zewg haddiema maghha u staqsietu jekk hemmx xi hadd li qed jaghlqilhom it-triq. Spjega li hi wkoll riedet tidhol gol-garaxx. Huwa wegibha li iva u qalilha li kien sejjer ifittex jara ta' min hi. Hija qaltlu li se tmur hdejn il-karozza biex jekk jigi xi hadd tghidlu.

L-imputat spjega li huwa mar fl-ufficcju ta' John Refalo jistaqsi jekk il-karozza hix taghhom u qalulu le. Wara mar ghand il-Basic Food Store ghax forsi kien gie xi *salesman* jiehu xi ordni bhal ma gieli gara izda ma kienx hemm. Huwa dahal l-HSBC Bank u beda jsaqsi lil kulhadd bl-Ingliz u bil-Malti jekk hemmx xi hadd li ghandu l-karozza u wara li qalulu le hareg. Dahal jistaqsi lir-receptionist ta' Hotel Alfonso u qallu le u hareg. Ghalhekk huwa mar lejn il-karozza fejn kien hemm Mrs. Borg Cardona hdejn il-karozza u qalilha li ma sabx ta' min hi u hija qaltlu li ma gie hadd. L-imputat dak il-hin iddiecieda li jmur ipoggi l-karozza tieghu quddiem garaxx ta' dentista u talab lil Mrs Borg Cardona biex tnehhi l-karozza taghha u tpoggiha quddiem l-Alfonso sabiex jifthu t-triq ghax sadanittant ngabru l-karozzi warajhom. Huma ghamlu hekk u baqghu hemmhekk jistennew. Huwa tenna li s-sid

baqa' ma giex u huwa rega' mar jistaqsi ghas-sid tal-vettura f'din il-hotel izda ma kellux success.

Ftit wara huma raw mara tiela' li dehret li hija strangiera u ressqet lejhom u kif waslet staqsewha jekk hix il-karozza taghha u wiegbet li iva. L-imputat staqsiha kif mhix tara li qed timblokka hdax-il garaxx hemm isfel u hi wegbitu li kienet il-bank. Huwa qalilha li hu mar il-bank u staqsa lil kulhadd u qalilha li hi setghet qaltlu li l-karozza hija taghha u li ta lanqas tiskuza ruhha. Hija bil-kalma kollha harget il-mobile u bdiet iccempel lil xi hadd. L-imputat iddikjara li dak huwa l-uniku diskors li ntqal. Wara huwa mar fil-karozza tieghu ghax ippretenda li hija ser taqbad u ssuq u ha titlaq. Anke Mrs. Josette Borg Cardona bdiet tghidilha li ghandha l-haddiema ha jitilqulha. Ftit wara telqet u kulhadd telaq ghal rihu.

Mistoqsi jekk semaghhiex tghid xi haga x'hin kienet qed iccempel bil-mobile wiegeb li ma jafx xi bdiet tghid. Sussegwentement dahlu fil-garaxx u kulhadd telaq ghall-affari tieghu.

Huwa stqarr illi dakinhar stess huwa kien ibbukjat mal-mara ghal weekend break. Pero' fis-sitta ta' filghaxija rcieva telefonata m'ghand is-Surgent Glenn Sammut mill-ghassa ta' San Giljan fejn staqsieh jekk garax xi haga ghax kien hemm mara li ghamlet rapport u akkuzatu li ghamlilha l-hsara. Huwa wiegbu li mhux talli m'ghamilx hsara izda li mieghu dak il-hin kien hemm wahda mara bhala xhud u li f'din it-triq hemm erba' CCTV cameras biex jara jekk jigborx il-*footage* ghax huwa lilha qatt ma' missha u lanqas ma

mess il-karozza taghha. Xi ghaxar minuti wara rega’ cempillu s-Surgent u talbu biex jinzel l-Ghassa pero’ spjegalu li kien qieghed Ghawdex u mbaghad rega’ cempillu u qallu biex nhar it-Tnejn imur l-Ghassa ta’ San Giljan. Is-Surgent talbu biex jiehu d-dettalji tax-xhud u biex ikellem lill-Ispettur Roseanne Debattista. Huwa tenna li t-Tnejn mar u marret ix-xhud mieghu pero’ l-Ispettur kienet qieghda l-Qorti. Filfatt baghtu ghalih fit-8 ta’ Jannar biex jaghmel l-istqarrija.

Mistoqsi jekk huwa avvicinax il-vettura ta’ Alena Slavskaya wiegeb li le ghax meta beda jdoqq il-horn u ma gie hadd, huwa mar ifittixha. Huwa sostna li ma marx lejn il-karozza ghax setghet kienet ta’ tabib. Mistoqsi jekk kienx hemm ghajjat x’hin kellimha wiegeb li jista’ jkun li gholla naqra lehnu x’hin staqsiha jekk kinitx il-bank. Pero’ cahad li kien hemm xi glied jew agressjoni.

L-imputat esebixxa zewg ritratti li gew immarkati bhala Dok. BR1. Wiehed minn dawn ir-ritratti juri d-*drive in* fejn kien hemm il-karozza pparkjata quddiemu. Spjega li huwa kien f’nofs tat-triq biex jidhol hemmhekk u cioe’ ried jikser fuq ix-xellug tieghu ha jidhol. Huwa kkonferma li filfatt ma marx ezatt mal-karozza taghha ghax jekk imur maghha ma jkunx jista’ jikser fuq ix-xellug tieghu. Huwa qaghad ipparkjat f’nofs it-triq naqra iktar lura sabiex jaghtiha c-cans li tohrog. Mistoqsi jekk ingemghux xi nies fit-triq waqt li kienu qed jitkellmu wiegeb li le. Huwa ddikjara li lis-sinjura Slavskaya ma misshiex u m’gholliex idejh maghha.

L-imputat kompla jixhed in kontro ezami u gie mistoqsi waqt li kien qed jitkellem, kemm kien qieghed il-boghod mis-Sinjura Slavskaya wiegeb li forsi kien xi nofs metru. Is-Sinjura Borg Cardona kienet hdejn il-karozza taghha stess li jigi forsi metru u nofs il-boghod.

Waqt ix-xhieda tal-imputat il-Prosekuzzjoni rrimarkat illi huma ppruvaw igibu s-CCTV footage tal-Bank, ta’ Hotel Alfonso u tal-Hotel Argento izda ma setghux ghax il-karozzi ma bdewx jidhru fil-footage.

Illi din il-kawza flimkien ma numru ta’ kawzi ohra gew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta b’digriet ta’ assenjazzjoni tal-Prim Imhallef datat 21 ta April 2014.

Il-Qorti rat li din il-kawza kiened giet differita minn din il-Qorti diversament preseduta ghal nhar id-19 ta’ Mejju 2014 sabiex issir it-trattazzjoni u ghalhekk din il-Qori kif preseduta kienet appuntat il-kawza ghal dak in-nhar stess sabiex issir it-trattazzjoni u l-kawza tkun tista’tithalla ghas-Sentenza.

Illi dakinhar tad-19 ta’ Mejju 2014 deher l-imputat assistit minn l-avukat difensur tieghu Dr Roberta Buttigieg u l-Ufficjal Prosekutur u ezentaw lil Qorti kif preseduta milli terga’ tisma’ ix-xhieda mill-gdid u talbu li jittrattaw il-kaz sabiex ikun jista’ jigi differit ghas-Sentenza.

Illi dakinhar tad-19 ta’ Mejju 2014 saret it-trattazzjoni relattiva u l-kaz illum jinsab differit ghas-Sentenza.

Ikkunsidrat.

Il-Qorti hija rinfaccjata b’zewg versjonijiet ta’ kif sehh l-allegat incident, dik proposta mill-allegata vittma li fi ftit kliem tghid li hija kienet ipparkjat il-vettura taghha quddiem garage sakemm nizlet sabiex tmur il-bank u meta giet lura sabet lill-imputat li beda jghajjat maghha, jidghi u jghati daqqiet fuq il-vettura taghha u dik proposta mill-imputat kif korroborat minn Josette Borg Cardona li jikkonerma li l-allegata vittma kienet marret il-bank u halliet il-vettura taghha tostakolalu d-dhul tal-garage tieghu u li kul ma ghamel kien li irrabja maghha fis-sens li gholla lehnu ghaliex ma kellhiex tipparkja hemm hekk u jghid li dan kollu sar quddiem ix-xhud indipendenti Josette Borg Cardona li kienet prezenti tul l-incident kollu.

Illi ghalhekk m’hemmx dubbju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies jekk ix-xhieda ghandhix mis-sewwa jew hix kostanti u ta’ fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-**artikolu 637 tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta’ Malta.

Huwa minnu, kif gie allegat mid-difiza, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:**

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputat huma veri u dan ghaliex kif ighid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890**:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Il-Prosekuzzjoni ressqet lill-allegata vittma tixhed u tispjega kif sehh l-incident. Hija stqarret li kienet ipparkjat il-vettura taghha quddiem garage ghaliex ma kienitx sabet fejn setghet tipparkja u nizlet il-Bank. Tghid li wara li lestiet marret lura lejn il-karozza taghha u sabet kommozzjoni fis-sens li kien hemm l-imputat li gharfet fl-awla li beda jirrabja maghha u jidghi u

jikkwistjona maghha ghaliex ipparkjat quddiem l-entratura tal-garage tieghu. Cioe' nonostante pero' ma tghidx x'vettura kellha, tghid biss li l-imputat ta daqqiet lill-vettura taghha u ikkagunalha diversi hsarat . Jinghad f'dan l-istadju li l-imputat mhuwiex tenut li jressqu l-ebda prova sabiex jipprovaw l-innocenza tieghu izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal grad li trid il-ligi u cioe *beyond reasonable doubt.*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubbju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel, referenza ghal Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Philip Zammit et'** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubbju jkun dak dettat mir-raguni*.'

Fil-fatt fis-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Peter Ebejer'**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment

konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minnn **Lord Denning** fil-kaz '**<u>Miller vs Minister of Pension</u>**' - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *'proof beyond a reasonable doubt.'*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa importanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi indizzjarji. Fis-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader</u>'** hemm referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet '**<u>Teper vs The Queen</u>*' [1952] AC 480, 489***.

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are <u>no</u> (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Ghalhekk kif intqal fis-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Joseph Gauci et**', li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif wkoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Ix-xhud parte civile Alena Slavskaya xehdet u spjegat li kienet ipparkjat il-vettura taghha quddiem il-bieb ta' garage u dahlet il-bank u meta harget sabet li kienet ikkrejat kommozjoni ghaliex kien hemm l-imputat jghajjat u hdejh kien hemm mara ohra tghajjat ukoll maghha. Mistoqsija ghaliex ma rraportatx ukoll lil din il-mara, tghid li kienet irraportatha wkoll. Illi l-Prosekuzzjoni ma ppezentat l-ebda okkorrenza sabiex il-Qorti tivverifika x'rapport sar u lanqas xi ufficcjal tal-pulizija li ha l-allegat rapport jew li

investiga l-kaz. Jidher ukoll mix-xhieda tax-xhud li l-incident sehh fil-ghodu pero' hija marret taghmel ir-rapport taghha aktar tard fil-ghaxija. Dwar dan lanqas ma tista' tikkonferma il-Qorti ghaliex l-okkorrenza mhux esebita. Jidher ukoll li ix-xhud qalet li sofriet xi griehi fuq persuntha tant li marret ghand it-tabib izda cio nonostante prova dwar dan fil-process ma jirrizutlax, la akkuza fil-konfront ta' l-imputat f'dan ir-rigward, la certifikat mediku li ddeskriva il-feriti li sofriet u lanqas xhieda ta' tabib li allegatament raha. Lanqas il-persuna li mieghu kienet qed titkellem fuq it-telefon ma ingieb fejn dan seta jikkonferma kif kienet l-atmosfera waqt dan l-incident cioe' jekk semghax xi ghajjat, insulti jew kommozzjoni.

Ix-xhud tghid ukoll li l-imputat ta diversi daqqiet fuq il-karozza taghha pero' x'tip ta' daqqiet inghataw ma jirrizultax mill-atti u dan ghaliex lanqas ma xehed il-persuna li rrilaxja l-istima esebita fl-atti a fol. 19. Lanqas ma jirrizulta jekk id-daqqiet li gew riskontrati fuq il-vettura humiex kompatibbli ma' xi daqqiet bl-idejn. Minn ezami tar-ritratti esebiti, li lanqas dawn ma gew konfermati mill-persuna li hadithom, la dwar il-kontenut taghhom u lanqas dwar meta ittiehdu u ghalhekk lanqas dawn ir-ritratti ma jikkostitwixxu l-ahjar prova dwar l-allegat danni li sofriet ix-xhud Slavskaya.

Dwar l-incident xehdet Josette Borg Cardona, xhud okulari u indipendenti prodotta mill-Prosekuzzjoni li kkonfemat li verament ix-xhud Slavskaya kienet ipparkjat il-vettura taghha fejn imblokkat it-traffiku liberu ta' Triq il-Qaliet. Qalet li hija kienet gewwa pick up tistenna xi haddiema taghha gejjin fuq il-post taghha li jinsab fil-vicin ta' l-incident u hi ukoll ma setghetx

tghaddi minhabba il-vettura ta’ din ix-xhud. Ghalhekk gibdet mal-genb u qadet tistenna sakemm sid il-vettura li kienet qed timblokkja l-passagg liberu tigi fuq il-post u meta giet kien hemm l-imputat li gharfet fl-Awla li staqsiha fejn kienet u din wegbitu li kienet il-bank. Dak il-hin taf li qallha li kien mar ifittex fil-bank ghal sid il-vettura u hadd ma wiegbu li kien sid il-vettura. Mistoqsija jekk f’xi hin ratx lill-imputat ihebb jew jghati xi daqqiet fuq il-vettura tax-xhud Slavskaya tghid li kienet prezenti waqt l-incident kollu u ma rat xejn minn dan. Ikkonfermat pero’ li l-imputat gholla lehnu meta ra lix-xhud daqshekk kalma specjalment meta bdiet titkellem ma’ terza pesuna fuq it-telefon taghha u tghati in-numru tal-vettura ta’ l-imputat.

L-imputat kien irrilaxja stqarrija u spjega dak li kien gara nhar il-21 ta Dicembru 2012, fi Triq il Qaliet San Giljan. Jispjega li ried jidhol fid-drive in li jwassal ghal hdax-il garage u sab vettura numru ta’ registrazzjoni RUS 417 timblokka il-passagg u ghalhekk beda jdoqq il-horn bil-ghan li jigi sidha izda ma gie hadd. Ghalhekk huwa nizel mill-karozza u dar dawra sabiex jipprova jsib sid il-vettura. Jghid li sadanittant bdew jingabru in-nies ghaliex kien f’nofs ta’ triq u hadd ma seta jghaddi. Jghid ftit wara waslet Josette Borg Cardona li ukol riedet tidhol f’garage minn l-istess entratura u ma setghetx u ghalhekk qadet tistenna fil-vettura taghha.

Jghid li xi kwarta wara ra mara riesqa lejn il-vettura u staqsiha jekk il-vettura kientix taghha u wiegbet fl-affermattiv u qallha li kienet qed timblokka diversi karozzi u bil-lajma skuzat ruha. Jghid li huwa gholla lehnu ghaliex

meta kien mar il-bank sabiex jara minn kien sid il-vettura ma kienet qalet xejn dwar li kienet sid il-vettura u hallietu jistenna barra. Jghid li flok ma saqet l-hemm harget il-mobile taghha u bdiet iccempel lil xi hadd. Jghid li dak il-hin kemm hu kif ukoll Josette Borg Cardona irrabbjaw maghha u wara xi hin dahlet fil-karozza taghha u saqet 'l hemm. Jghid li wara xi hin cemplulu mill-ghassa u qalulu dak li kien gie rapportat fil-konfront tieghu u cioe' li kien ikkawza danni volontarji fuq il-vettura taghha u minnufih cahad kollox u qal lill-pulizija sabiex tigbor il-filmati tas-CCTV li hemm fil-vicin ghaliex ma kellux faham miblul. Cio nonostante dan ma sarx.

Illi l-imputat rega' xehed viva voce il-Qorti u kkonerma dak li kien qal a tempo vergine ta' l-investigazzjoni u jinghad li ix-xhieda tieghu hija korroborata u konfortata minn dak li qalet ix-xhud indipendenti Josette Borg Cardona.

Il-Qorti thoss li ix-xhieda moghtija mill-imputat kif korroborata mix xhud indipendenti Josette Borg Cardona ghandha aktar mis-sewwa u ghandha tigi emnuta.

Illi ghalhekk l-akkuza ta' hsara volontarja zgur li ma tirrizutlax lanqas remotament u din il-Qorti ser tilliberah minn din l-akkuza.

Dwar it-tieni akkuza u cioe' l-kontravenzjoni li huwa kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat din tirrizulta provata anke mix-xhieda ta' l-imputat stess li jghid li gholla lehnu u fil-fatt Josette tikkonferma dan il-fatt ukoll.

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe' l-**Artikoli 325(b) u 338(dd) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta tiddeciedi li ma ssibx lill-imputat hati ta l-ewwel akkuza ta' hsara volontarja u tilliberah minnha, izda hati tat-tieni akkuza dwar il-kontravenzjoni li kiser il-paci pubblika b'ghajjat u tikkundannah ammenda ta' erbghin euro (euro 40).**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------